

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Il-qorti Ta' Liema Pajjiż Hija Responsabbli?](#) > [Romania](#)

Il-qorti ta' liema pajjiż hija responsabbli?

 Rumanija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Fejn għandi nippreżenta rikors: quddiem qorti ċivili ordinarja jew quddiem qorti speċjalizzata (pereżempju qorti industrijali)?

Fir-Rumanija, minbarra l-qorti ordinarji, hemm sezzjonijiet jew bordijiet speċjalizzati għas-soluzzjoni ta' tilwim fir-rigward ta' ċerti materji.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(2) u (3) tal-Liġi Nru 304/2004 dwar l-organizzazzjoni ġudizzjarja, il-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (*Înalta Curte de Casație și Justiție*) għandha erba' sezzjonijiet – is-Sezzjoni Ċivili I, is-Sezzjoni Ċivili II, is-Sezzjoni Kriminali, is-Sezzjoni Amministrattiva u għat-Tilwim dwar it-Taxxa – kull waħda minnhom għandha l-ġuriżdizzjoni proprja tagħha. Il-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja għandha bord għar-riżoluzzjoni tal-appelli fl-interess tal-liġi, bord għar-riżoluzzjoni ta' ċerti punti ta' liġi, u bordijiet ta' ħames imħallfin.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 39 sa 42 tal-Liġi Nru 304/2004 dwar l-organizzazzjonijiet ġudizzjarji, il-qorti tal-appell u t-tribunali għandhom sezzjonijiet jew bordijiet speċjalizzati għall-kawżi ċivili, kawżi kriminali, kawżi li jinvolvu minuri u kwistjonijiet tal-familja, kawżi li jinvolvu tilwim amministrattiv u ta' taxxa, kawżi relatati ma' tilwim tax-xogħol u assigurazzjoni soċjali, kawżi ċivili marbuta mal-operat ta' negozju, insolvenza, kompetizzjoni inġusta u kwistjonijiet oħra, u bordijiet speċjalizzati għall-kawżi li jinvolvu kwistjonijiet marittimi jew fluvjali.

Jistgħu jiġu stabbiliti wkoll tribunali speċjalizzati sabiex jiddeċiedu dwar il-kwistjonijiet ta' hawn fuq, kif ikun xieraq.

Skont in-natura u l-għadd tal-kawżi, jistgħu jiġu stabbiliti sezzjonijiet jew bordijiet speċjalizzati fil-qorti distrettwali. Jistgħu jiġu organizzati wkoll sezzjonijiet jew bordijiet speċjalizzati għall-minuri jew familji fil-qorti distrettwali.

2 Meta l-qorti ċivili ordinarji jkollhom il-ġuriżdizzjoni (jiġifieri jkunu l-qorti responsabbli għal każijiet bħal dawn) kif nista' nkun naf f'liema qorti għandi nagħmel ir-rikors?

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jistabbilixxi l-proċedura ordinarja għall-kawżi ċivili. Id-dispożizzjonijiet tiegħu japplikaw ukoll għal kwistjonijiet oħrajn, sakemm il-liġijiet li jirregolawhom ma jipprovdwx mod ieħor.

L-Artikoli 94 sa 97 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jirregolaw il-ġuriżdizzjoni *ratione materiae* għall-qorti ċivili.

Bħala qorti tal-prim'istanza, il-qorti distrettwali jisimgħu l-kawżi li ġejjin li jinvolvu rikorsi li (ma jistgħux) jitkejlu f'termini ta' flus:

- rikorsi li, skont il-Kodiċi Ċivili, jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-kustodja u l-familja;

- rikorsi relatati mar-reġistrazzjoni fir-rekords tal-istat ċivili;
- rikorsi relatati mal-amministrazzjoni ta' bini b'ħafna sulari/appartamenti/spazji bi sjieda esklużiva minn persuna differenti u r-relazzjonijiet legali stabbiliti mill-assoċjazzjonijiet tas-sidien tad-djar ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra;
- rikorsi għal żgumbrament;
- rikorsi relatati ma' ħitan u fosos kondiviżi, id-distanza bejn il-bini u l-pjantaġġuni, il-jeddijiet ta' mogħdija, is-servitujiet, limitazzjonijiet oħrajn li jaffettwaw id-drittijiet tas-sjieda;
- rikorsi relatati ma' bidliet fil-konfini u mal-immarkar tal-konfini;
- rikorsi għall-protezzjoni tal-pussessi;
- rikorsi relatati ma' obbligi biex jitwettqu jew ma jitwettqux azzjonijiet li ma jistgħux jitkejlu f'termini ta' flus;
- rikorsi għal diviżjoni ġudizzjarja, irrispettivament mill-valur involut;
- rikorsi għal dikjarazzjoni ġudizzjarja tal-mewt ta' persuna;
- rikorsi relatati ma' wirt, irrispettivament mill-valur involut;
- rikorsi relatati ma' preskrizzjoni pożittiva, irrispettivament mill-valur involut;
- rikorsi relatati ma' art, ħlief għal dawk li skont liġi speċjali huma fil-ġurisdizzjoni ta' qrati oħrajn;
- rikorsi oħrajn li jistgħu jitkejlu f'termini monetarji ta' RON 200 000 jew inqas, irrispettivament mill-kapaċità tal-partijiet.

Il-qrati distrettwali jismgħu l-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi b'ġurisdizzjoni u korpi oħra b'ġurisdizzjoni. Il-qrati distrettwali jismgħu wkoll kwalunkwe rikors ieħor li bil-liġi jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

It-tribunali jismgħu:

- bħala qrati tal-prim'istanza, ir-rikorsi l-oħra kollha li bil-liġi ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni ta' qrati oħra;
- bħala qrati tal-appell, l-appelli kontra sentenzi mogħtjin minn imħallfin fil-prim'istanza;
- bħala qrati ta' sħarriġ, rikorsi għall-istħarriġ kontra sentenzi mogħtjin minn qrati distrettwali, li, skont il-liġi ma humiex soġġetti għal appell, u fi kwalunkwe każ ieħor previst espliċitament mil-liġi;
- kwalunkwe rikors ieħor li bil-liġi jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

Il-qrati tal-appell jismgħu:

- bħala qrati tal-prim'istanza, rikorsi relatati ma' tilwim amministrattiv u dwar taxxa;
- bħala qrati tal-appell, appelli kontra sentenzi mogħtjin minn tribunali fil-prim'istanza;
- bħala qrati ta' sħarriġ, rikorsi għal sħarriġ kontra sentenzi mogħtjin minn tribunali f'appell jew kontra sentenzi mogħtjin fil-prim'istanza minn tribunali li, skont il-liġi, ma humiex soġġetti għal appell, u fi kwalunkwe każ ieħor espliċitament previst mil-liġi;
- kwalunkwe rikors ieħor li bil-liġi jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

Il-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja tisma':

- appelli kontra sentenzi tal-qrati tal-appell u sentenzi oħra, fil-każijiet previsti mil-liġi;
- sħarriġiet fl-interess tal-liġi;
- rikorsi fir-rigward ta' deċiżjoni minn qabel biex jiġu ċċarati ċerti kwistjonijiet legali;
- kwalunkwe rikors ieħor li bil-liġi jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħha.

2.1 Issir distinzjoni bejn il-qrati ċivili ordinarji inferjuri u superjuri (pereżempju qrati distrettwali bħala qrati inferjuri u qrati reġjonali bħala qrati superjuri) u jekk issir, liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi?

Is-sistema ġudizzjarja ċivili Rumena tiddistingwi bejn qrati inferjuri u qrati superjuri, bil-ġurisdizzjoni relatata mas-suġġett tiġi stabbilita bejn il-qrati differenti skont kriterji funzjonali (it-tip ta' dmir) u proċedurali (il-valur, is-suġġett jew in-natura tat-tilwima).

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ġab bidliet f'termini ta' ġurisdizzjoni, u t-tribunali saru qrati b'ġurisdizzjoni sħiħa sabiex jismgħu s-sustanza tal-każijiet fil-prim'istanza. Il-ġurisdizzjoni tal-qrati distrettwali tinkludi s-smiġħ ta' talbiet żgħar u/jew anqas kumplessi, li huma frekwenti ħafna fil-prattika.

Il-qrati tal-appell għandhom ġurisdizzjoni sabiex jismgħu prinċipalment appelli, filwaqt li l-Qorti Superjuri tal-

Kassazzjoni u l-Ġustizzja hija l-qorti ta' ġudikatura ordinarja li tassigura l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-liġi fil-livell nazzjonali.

2.2 Ġurisdizzjoni territorjali (liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi, il-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B?)

2.2.1 Ir-regola bażika tal-ġurisdizzjoni territorjali

Fis-sistema ġudizzjarja ċivili Rumena, ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni territorjali huma stabbiliti fl-Artikolu 107 et seq. tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

Skont ir-regola ġenerali, ir-rikors jiġi ppreżentat fil-qorti ta' fejn ikun jinsab id-domiċilju jew l-uffiċċju rreġistrat tal-intimat.

2.2.2 Eċċezzjonijiet għar-regola bażika

Hemm regoli speċifiċi dwar il-ġurisdizzjoni territorjali, bħal:

- jekk id-domiċilju/l-uffiċċju rreġistrat tal-intimat ma jkunx magħruf, ir-rikors għandu jiġi ppreżentat fil-qorti li fit-territorju tagħha hemm ir-residenza/l-uffiċċju rappreżentattiv tal-intimat, u, jekk lanqas dan ma jkun magħruf, fil-qorti li fit-territorju tagħha hemm id-domiċilju/l-uffiċċju rreġistrat/ir-residenza/l-uffiċċju rappreżentattiv tar-rikorrent;
- rikors kontra persuna ġuridika rregolata mid-dritt privat jista' jiġi ppreżentat ukoll fil-qorti tal-post fejn tkun tinsab waħda mill-fergħat tagħha mingħajr personalità ġuridika;
- rikors kontra assoċjazzjoni, kumpanija jew entità oħra mingħajr personalità ġuridika jista' jiġi ppreżentat fil-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-persuna li, kif miftiehem mill-membri tagħha, għet fdata bil-ġestjoni jew l-amministrazzjoni tagħha; fin-nuqqas ta' tali persuna, ir-rikors jista' jiġi ppreżentat fil-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq kwalunkwe wieħed mill-membri tal-entità kkonċernata;
- rikorsi kontra l-Istat, l-awtoritajiet ċentrali jew lokali u l-istituzzjonijiet u persuni ġuridiċi oħrajn irregolati mid-dritt pubbliku jistgħu jiġu ppreżentati fil-qorti li fit-territorju tagħha jinsab id-domiċilju/l-uffiċċju rreġistrat tar-rikorrent jew quddiem il-qorti li fiż-żona tagħha jinsab l-uffiċċju rreġistrat tal-intimat.

2.2.2.1 Meta nkun nista' nagħżel bejn il-qorti fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti li tiġi ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika) u qorti oħra?

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Rumena jistipula għadd ta' regoli ta' ġurisdizzjoni alternattiva (l-Artikoli minn 113 sa 115). Għalhekk, il-qrati li ġejjin ukoll għandhom ġurisdizzjoni territorjali:

- il-qorti tal-post fejn ir-rikorrent ikun domiċiljat (rikorsi għall-istabbiliment ta' parentela);
- il-qorti tal-post fejn ir-rikorrent/kreditur ikun domiċiljat (obbligu ta' manteniment);
- il-qorti fil-post fejn irid jitwettaq l-obbligu kuntrattwali;
- il-qorti fil-post fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli (lokazzjonijiet, reġistrazzjoni tal-art/ġustifikazzjoni/korrezzjoni);
- il-qorti li t-tluq/l-wasla ssejtn fit-territorju tagħha (fthemiet tat-trasport);
- il-qorti li l-pagament isir fit-territorju tagħha (kambjali, ċekkijiet, noti promettenti jew titoli oħrajn);
- il-qorti li l-konsumatur ikun domiċiljat fit-territorju tagħha (kumpens għad-danni lill-konsumaturi b'rabta ma' fthemiet konklużi ma' professjonisti);
- il-qorti tal-post fejn sejh l-att illegali jew id-dannu kkawżat, għal rikorsi li jikkonċernaw obbligi li jirriżultaw minn tali att.

Meta l-intimat ikun iwettaq regolarment attivitajiet professjonali, jew attivitajiet agrikoli, kummerċjali, industrijali jew attivitajiet simili mhux fid-domiċilju tiegħu, ir-rikors jista' jiġi ppreżentat ukoll fil-qorti li fit-territorju tagħha jsiru l-attivitajiet, sa fejn dan ikun jirrigwarda l-obbligi finanzjarji li jirriżultaw jew li jkunu jridu jitwettqu f'dak it-territorju.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' assigurazzjoni, rikors għad-danni jista' jiġi ppreżentat ukoll fil-qorti li d-domiċilju jew l-uffiċċju rreġistrat tal-parti assigurata jinsab fit-territorju tagħha, li l-beni tal-parti assigurata jinsabu fit-territorju tagħha jew li r-riskju assigurat immaterjalizza ruħu fit-territorju tagħha.

L-għażla tal-ġurisdizzjoni skont fthem titqies nulla u bla effett jekk titwettaq qabel ma jinħoloq id-dritt għall-

kumpens, filwaqt li, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-assigurazzjoni obligatorja għar-responsabbiltà ċivili, il-parti terza li sofriet id-dannu tista' tiftaħ proċeduri diretti anki quddiem il-qorti tat-territorju fejn ikollha d-domiċilju/l-uffiċċju rreġstrat tagħha.

Fil-każ ta' rikorsi dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi, meta, skont il-Kodiċi Ċivili, tkun kompetenti l-qorti tal-kustodja u tal-familja, hija l-qorti li d-domiċilju/ir-residenza tal-persuna protetta tkun fit-territorju tagħha li tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni territorjali. Fil-każ ta' rikorsi għall-awtorizzazzjoni tal-konklużjoni ta' ċerti atti legali (fir-rigward ta' proprjetà immobbli) mill-qorti tal-kustodja u l-familja, il-ġurisdizzjoni tkun tal-qorti li l-proprjetà tkun tinsab fit-territorju tagħha. F'dan il-każ, il-qorti tal-kustodja u l-familja li tkun tat is-sentenza tibgħat kopja tas-sentenza lill-qorti tal-kustodja u l-familja li l-persuna protetta jkollha d-domiċilju/ir-residenza tagħha fit-territorju tagħha.

Rikors għal divorzju jaqa' fil-ġurisdizzjoni tal-qorti distrettwali li l-aħħar dar matrimonjali tal-miżżewġin kienet tinsab fit-territorju tagħha. Jekk ma jkun hemm l-ebda dar matrimonjali jew jekk l-ebda wieħed mill-miżżewġin ma jkun għadu jgħix fit-territorju tal-qorti distrettwali li jkollha l-ġurisdizzjoni tat-territorju fejn hemm id-dar matrimonjali, il-qorti distrettwali kompetenti tkun dik li jkollha l-ġurisdizzjoni tat-territorju ta' fejn hemm dar l-intimat. Jekk l-intimat ma jkunx jgħix ir-Rumanija u l-qrati Rumani jkollhom ġurisdizzjoni internazzjonali, il-ġurisdizzjoni tkun tal-qorti li fit-territorju tagħha tkun tinsab dar ir-rikorrent. Jekk la r-rikorrent u lanqas l-intimat ma jkunu jgħixu r-Rumanija, il-partijiet jistgħu jaqblu li jippreżentaw ir-rikors għad-divorzju fi kwalunkwe qorti distrettwali fir-Rumanija. Fin-nuqqas ta' ftehim bħal dan, ir-rikors għad-divorzju għandu jiġi ppreżentat fil-Ħames Qorti Distrettwali ta' Bukarest (l-Artikolu 915 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Ir-rikorsi għas-soluzzjoni ta' tilwim industrijali individwali għandhom jiġu ppreżentati fit-tribunal li d-domiċilju/il-post tax-xogħol tar-rikorrent ikun jinsab fit-territorju tiegħu (l-Artikolu 269 tal-Liġi Nru 53/2003 - Kodiċi Industrijali).

2.2.2.2 Meta jkun meħtieġ li nagħżel qorti differenti minn dik fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika)?

Ir-regoli li jstabbilixxu l-ġurisdizzjoni territorjali esklużiva huma stabbiliti fl-Artikoli 117 sa 121 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Għalhekk:

- rikorsi li jikkonċernaw drittijiet *in rem* fi proprjetà immobbli jistgħu jiġu ppreżentati biss fil-qorti li fit-territorju tagħha tkun tinsab il-proprjetà immobbli. Jekk il-proprjetà immobbli tkun tinsab fit-territorju ta' ġurisdizzjoni ta' bosta qrati, ir-rikors irid jiġi ppreżentat fil-qorti li l-intimat ikollu d-domiċilju/ir-residenza tiegħu fit-territorju tagħha, jekk tkun tinsab fi kwalunkwe waħda minn dawn it-territorji ta' ġurisdizzjoni, jew, jekk ma jkunx, fi kwalunkwe waħda mill-qrati li l-proprjetà tkun tinsab fit-territorju tagħha. Id-dispożizzjonijiet japplikaw ukoll għall-azzjonijiet possessorji, ir-rikorsi għall-immarkar tal-konfini, ir-rikorsi li jikkonċernaw ir-restrizzjonijiet tad-dritt ta' proprjetà immobbli u r-rikorsi għad-diviżjoni ġudizzjarja ta' proprjetà immobbli, meta l-koproprjetà indiviża ma tkunx tirriżulta minn suċċessjoni;
- f'materji ta' wirt, sad-diviżjoni tal-koproprjetà indiviża, il-qorti li l-aħħar domiċilju tad-deċedut kien it-territorju tagħha jkollha l-ġurisdizzjoni esklużiva fuq rikorsi li jikkonċernaw:
 - il-validità jew l-eżekuzzjoni ta' dispożizzjonijiet testamentarji;
 - il-wirt, l-imposti assoċjati miegħu u dawk relatati mal-pretensjonijiet possibbli tal-werrieta kontra xulxin;
 - ir-rikorsi ta' legatarji/kredituri tad-deċedut kontra kwalunkwe wieħed mill-werrieta/l-eżekutor testamentarju;
- fir-rigward ta' rikorsi relatati ma' kumpaniji, sat-tlestija tal-proċeduri ta' likwidazzjoni/dereġistrazzjoni, il-qorti li l-kumpanija jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fit-territorju tagħha jkollha l-ġurisdizzjoni esklużiva;
- it-tribunal li l-uffiċċju rreġstrat tad-debitur ikun jinsab fit-territorju tiegħu jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva fuq rikorsi relatati ma' arranġamenti ta' insolvenza/kredituri;
- ir-rikorsi ppreżentati minn professjonist kontra konsumatur jistgħu jiġu ppreżentati biss fil-qorti li l-konsumatur ikollu d-domiċilju tiegħu fit-territorju tagħha.

2.2.2.3 Il-partijiet jistgħu jaqblu l-ġurisdizzjoni lill-qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti?

Il-partijiet jistgħu jaqblu bil-miktub jew, fir-rigward ta' tilwim li jkun għaddej, permezz ta' dikjarazzjoni verbali quddiem il-qorti, li l-kawżi relatati ma' beni u drittijiet oħra li jista' jkollhom, għandhom jinstemgħu minn qrati oħra għajr dawk li jkollhom il-ġurisdizzjoni territorjali, sakemm ma jkollhomx ġurisdizzjoni esklużiva. F'tilwim li

jirrigwarda l-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi u każijiet oħra previsti mil-liġi, il-partijiet jistgħu jaqblu dwar l-għażla tal-qorti kompetenti biss wara li jinħoloq id-dritt għall-kumpens, kwalunkwe ftehim kuntrarju huwa null u bla effett (l-Artikolu 126 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Rikorsi anċillari, addizzjonali u inċidentali jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-qorti li tkun kompetenti mir-rikors prinċipali, anke jekk jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni *ratione materiae* jew il-ġurisdizzjoni territorjali ta' qorti oħra, ħliet fil-każ ta' rikorsi li jikkonċernaw l-insolvenza jew l-arranġamenti mal-kredituri. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw ukoll meta l-ġurisdizzjoni fuq ir-rikors prinċipali tkun ġiet stabbilita bil-liġi favur sezzjoni jew bord speċjalizzat. Jekk il-qorti jkollha ġurisdizzjoni esklużiva fuq waħda mill-partijiet, ikollha ġurisdizzjoni esklużiva fuq il-partijiet kollha (l-Artikolu 123 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Barra minn hekk, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 124 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar ir-rikors prinċipali għandha tiddeċiedi wkoll dwar id-difiżi u l-eċċezzjonijiet, ħliet għal dawk li jkunu materji preliminari u jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva ta' qorti oħra, filwaqt li l-inċidenti proċedurali jinstemgħu mill-qorti li jkunu tqajmu quddiemha.

Il-kwistjoni tan-nuqqas ġenerali ta' ġurisdizzjoni tal-qorti tista' titqajjem mill-partijiet jew mill-imħallef fi kwalunkwe stadju tal-kawża. Il-kwistjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni *ratione materiae* u n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni territorjali tal-ordni pubbliku trid titqajjem fl-ewwel seduta li l-partijiet ikunu tħarrku għaliha quddiem il-qorti tal-prim'istanza, filwaqt li n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-ordni privat jista' jitqajjem biss mill-intimat permezz tad-difiża jew, jekk id-difiża ma tkunx obligatorja, mhux aktar tard mill-ewwel seduta li l-partijiet ikunu tħarrku għaliha quddiem il-qorti tal-prim'istanza. Jekk in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ma jkunx tal-ordni pubbliku, il-parti li tkun ippreżentat ir-rikors f'qorti li ma jkollhiex il-ġurisdizzjoni ma tkunx tista' titlob id-dikjarazzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni (l-Artikolu 130 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-Ġdid).

F'tilwim ċivili b'implikazzjonijiet transfruntiera, f'materji li jikkonċernaw drittijiet liberament disponibbli għall-partijiet skont il-liġi Rumena, jekk il-partijiet ikunu qablu b'mod validu li l-qorti Rumeni jkollhom il-ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar it-tilwim attwali jew possibbli fir-rigward ta' dawn id-drittijiet, il-qorti Rumeni biss għandu jkunu kompetenti biex jiddeċiedu dwar dawn il-materji. Sakemm il-liġi ma tipprevedix mod ieħor, il-qorti Rumena li quddiemha jitħarrek l-intimat tibqa' kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar ir-rikors, jekk l-intimat jidher quddiem il-qorti u jippreżenta d-difiża tiegħu dwar is-sustanza tal-kawża mingħajr ma jqajjem ukoll eċċezzjoni relatata man-nuqqas ta' ġurisdizzjoni sa mhux aktar tard minn tmiem l-istadju ta' inkjesta fil-kawża quddiem il-qorti tal-prim'istanza. Fiż-żewġ każijiet imsemmija hawn fuq, il-qorti Rumena interpellata tista' tiċħad ir-rikors jekk jidher ċar, miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, li t-tilwima ma jkollhiex rabta sinifikanti mar-Rumanija (l-Artikolu 1067 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-Ġdid).

3 Meta l-ġurisdizzjoni tkun tal-qorti speċjalizzati, kif nagħmel biex inkun naf quddiem liema qorti għandi nippreżenta r-rikors?

Ara t-tweġibiet għall-mistoqsijiet 1, 2, 2.1., 2.2., 2.2.2.1., 2.2.2.2.

■ L-aħħar aġġornament: 29/01/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.